FGURA

Minuti tar-raba' laqgħa tas- Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 16 ta' Settembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| Kunsillieri: | Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur A.Degiovanni, s-Sur C.Bonello, s-Sur A.Debono, kienu infurmaw li ma setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti tal-Laqgħa 9 ta' Settembru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 9 ta' Settembru 2009. Is-Sur M.Lombardo għamel dawn il-korrezzjonijiet. Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati kif korretti nem con.

## 2. Korrispondenza

L-ebda korrispondenza ma kienet immarkata.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku rigward il-kuntratt tal-kerha tat-Tribunal, qal li din hija kwistjoni ta' urġenza.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2546/09/6 "Biex dan il-Kunsill jiffirma l-kuntratt tal-premises tat-tribunal mas-sid il-ġdid fuq parir ta' l-Avukat. Din il-kirja għanda tkun ta minimum ta' ħames snin." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2546/09/6 kienet approvata nem con.

4. **Pjan ta Ħidma**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2547/09/6 "Sabiex jiġi approvat il-Pjan ta' Ħidma preżentat fil-laqgħa preċedenti". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2547/09/6 kienet approvata nem con.

5. **Jum il-Fgura u 6. Ġieħ il-Fgura.**

Is-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2548/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill japprova dan il Programm t'attivitajiet anness għal Jum il-Fgura u Ġieħ il-Fgura bi spiża ta' mhux aktar minn €5100." Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2548/09/6 kienet approvata nem con.

7. **Xogħolijiet uffiċini tal-Kunsill**

Bħala parti mill-eżerċizzju li sar mill-kumitat tat-titjib ta' l-Uffiċini, tressqu dawn il mozzjonijiet;

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2549/09/6 "Aluminium Door mingħand Vin Alumin għas-somma ta' €600 skond l-istima anessa". Din kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2549/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2550/09/6 "Biex tissaqqaf il-bitħa għas-somma ta' mhux aktar min €150. Ix-xogħol isir mil Handyman. Importanti li jitħalla ventilazzjoni". Din kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2550/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2551/09/6 "Biex isir xkaffar, 4 units b'kollox min għand Vella Furniture għas-somma ta' mhux aktar minn €3,500 euro. Dan skond l-istima anessa". Din kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2551/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2552/09/6 "Biex titranġa is-sistema ta' l-Eletriku mill-kuntrattur Marelec għas-somma ta' mhux aktar min €1,200. Dan skond l-istima anessa". Din kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2552/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2553/09/6 "Biex tinxtara Digital Camera mingħand Ciancio co. Ltd għas-somma ta' mhux aktar min €150. Il-camera hija ta' mudell A170". Din kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2553/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2554/09/6 "Biex jinxtara mingħand Microchip Comp. Dawn l-affarijiet skond l-istima anessa - 2 computer upgrades għas-somma ta' €250 each - Laptop għas-somma €590 euro - 19" TFT 3 in no. għas-somma €139 each - Comp ġdid għas-somma ta' €500 - Canon Multi Function unit għas-somma ta' €75 - Laser Printer għas-somma ta' €200. Il-mozzjoni ref: 2554/09/6 kienet sekondata mis-Sindku u s-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2554/09/6 kienet approvata nem con.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u kienet aġġornata sine die.

Sindku | Deputat Segretarju